MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2010

Citazzjoni Numru. 264/2010

**P.L. Madeline Firman (ID numrtu 478751M) fil-kwalita' taghha ta' mandatarja specjali tas-socjeta' estera Borgwarner Limited ta' Cipru**
**vs**
**Malta Leaves Limited (C44245)**

Il-Qorti

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici nomine fejn gie premess:-

Illi s-socjeta' estera Borgwarner Limited ta' 146 Arch Makarios III Avenue, Alpha Tower, 4th Floor, P.C. 3021, Cipru hija socjeta' attiva fis-suq ta' xiri u bejgh bil-grossa (*wholesale*) ta' merkanzija, fostha apparat fotografiku.

Illi l-istess socjeta’ Borgwarner Limited kienet tbiegh u tissuplixxi l-merkanzija hawn fuq imsemmija lis-socjeta’ konvenuta, fost ohrajn.

Illi s-socjeta’ konvenuta hija debitrici ta’ l-imsemmija socjeta’ estera Borgwarner Limited, kif hawn rapprezentata, fis-somma ta’ mija u erba’ telef euro (€104,000.00), liema somma tirraprezenta l-ammont dovut bhala prezz ta’ merkanzija ta’ apparat fotografiku, b’mod partikolari elf (1000) *camera* fotografika tad-ditta “Nikon” mibjugha lis-socjeta’ konvenuta u kkonsenjata lis-socjeta’ tal-garr DHL Global Forwarding (Italy) Spa gewwa l-Italja, fuq inkarigu u struzzjonijiet ta’ l-istess socjeta’ konvenuta kif jirrizulta mill-fattura hawn annessa u mmarkata bhala “Dok A”.

Illi kif jirrizulta mill-kopja ta’ l-iskambju ta’ korrispondenza elettronika hawn annessa (immarkata bhala “Dok B”) u l-polza ta’ karigu (CMR) (hawn annessa u mmarkata bhala “Dok C”), il-merkanzija giet ordnata mis-socjeta’ konvenuta fit-tnax (12) ta’ Mejju 2009 u giet konsenjata mis-socjeta’ attrici, kif hawn rapprezentata, lis-socjeta’ DHL Global Forwarding (Italy) Spa fit-18 ta’ Mejju 2009. Fil fatt, kif irceviet l-ordni tas-socjeta’ konvenuta, is-socjeta’ attrici ordnat l-istess merkanzija mill-fornitrici taghha, ossija s-socjeta’ Big Bang d.o.o. u din il-merkanzija ttiehdet minnufih lis-socjeta’ DHL Global Forwarding (Italy) Spa.

Illi, ghalkemm fl-umli opinjoni ta’ l-esponenti dan mhuwiex rilevanti ghall-proceduri odjerni, jirrizulta illi l-merkanzija in kwistjoni giet finalment rilaxxata mis-socjeta’ DHL Global Forwarding (Italy) Spa lill-klijenta ahharija tas-socjeta’ konvenuta, u cioe’ s-socjeta’ Eurobit SRL, fid-19 ta’ Mejju 2009, u li l-istess socjeta’ konvenuta harget fattura fil-konfront ta’ din il-klijenta taghha, (ara kopja tad-dokumenti “Dok D” u “Dok E” hawn annessi).

Illi minkejja li s-socjeta’ konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex thallas l-import tal-fattura msemmija hawn fuq (“Dok A” hawn anness), anke permezz ta’ zewg ittri

legali datati d-disgha (9) ta' Novembru 2009 u l-erbgha (4) ta' Frar 2010 (hawn annessi u mmarkati "Dok F" u "Dok G"), is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti.

Illi sa fejn taf l-attrici *nomine*, is-socjeta' konvenuta ma ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti kontra t-talbiet ta' l-istess attrici *nomine* u ghalhekk jezistu r-ragunijiet kollha skond il-ligi biex din l-Onorabbli Qorti tkun tista' tipprocedi ghad-decizjoni taghha bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini ta' l-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk l-attrici nomine qed titlob li s-socjeta' konvenuta tghid ghaliex din l-Qorti m'ghandhiex, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, tipprocedi ghad-decizjoni taghha bid-dispenza tas-smiegh tal-kawza ai termini ta' l-Artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attrici nomine s-somma ta' mija u erba' telef euro (€104,000) rapprezentanti l-import totali tal-fattura annessa mar-rikors odjern, liema somma ghadha sal-lum dovuta, bl-imghaxijiet legali mid-data tal-fattura sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 336/2010, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ukoll ingunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti annessi mar-rikors promotur.

Rat li s-socjeta konvnuta debitament notifikata naqset li tidher u naqset ukoll li tirrispondi ghall-rikors tar-rikorrenti nomine.

Rat l-affidavit ta' Nicoletta Demetriou prodott mir-rikorrenti nomine.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita biex tinghata s-sentenza.

Peress li t-talbiet attrici jirrizultaw gustifikati u dana mill-provi kollha prodotti u ghahekk l-istess talbiet jimmeritaw li jigu akkolti.

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet tal-attrici nomine.

Spejjez kollha kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------